# Qorti Ċivili
# Prim'Awla

**Onor. Imħallef**
**Robert G. Mangion**

**illum il-25 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Ġur. 481/2018 RGM**

**Mohamed Mustafa Haman**
**(0167933A)**

**vs.**

**Majid Aidi**
**(0233594M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Mohamed Mustafa Haman** ippreżentat fis-16 ta' Mejju, 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi huwa ghamel ftehim mal-intimat datat 23 ta' Mejju 2017 liema ftehim kien jirrigwarda il-gestjoni u l-operat ta' haunt tal-laham (*butcher*) bl-isem ta' 'Sfax Fresh Meat & Daily Needs' Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar;

2. Illi l-ftehim mal-intimat kien li l-ispejjez jitqassmu ugwalment u d-dhul u l-qliegh ukoll jigu divizi ugwalment;

3. Illi l-intimat wara biss tlett (3) xhur kecca fizikament lir-rikorrenti minn l-imsemmi haunt u dan minkejja li l-istess rikorrenti kien investa somom ta' flus fl-imsemmi hanut;

4. Illi r-rikorrenti ttanta jasal ghal ftehim mal-intimat izda huwa xorta wahda baqa' ma thallasx tal-flus li kien hareg biex jibda jopera l-imsemmi negozju u dan peress li minhabba l-agir tal-intimat il-partijiet ma' baqghux aktar marbutin bil-ftehim ta' gestjoni;

5. Illi kawza tal-agir tal-intimat ir-rikorrenti sofra danni ammontanti f'eluf ta' Euro kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

6. Illi l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:-

1. Illi r-rikorrenti sofra danni meta l-intimat ma' halliehx ikompli jezercita l-gestjoni bi shab kif miftiehem fil-ftehim datat 23 ta' Mejju 2017 tal-hanut 'Sfax Fresh Meat & Daily Needs' Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, jekk mehtieg bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, bl-imghax mid-data tal-presentata ta' dan r-rikors guramentat u b'hekk l-intimat minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Majid Aidi** ippreżentata fis-6 ta' Ġunju, 2018 fejn jingħad kif ġej:

Illi l-azzjoni migjuba kontra l-esponenti fl-ismijiet premessi hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi assolutament mhuwiex minnu illi l-esponenti kecca fizikament lir-rikorrenti mill-hanut tal-lahan “Sfax Fresh Meat & Daily Needs” fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, kif qed jigi allegat.

2. Illi l-verita` hi li meta r-rikorrenti Mohamed Mustafa Haman sab lill-esponenti imsiefer, huwa qabad u ha, gar u kaxkar prattikament kull ma setgha mill-istess hanut imsemmi sabiex fetah hanut iehor fl-istess akwata u beda jmexxi negozju iehor, indipendentement mill-esponenti u bi ksur lampanti tal-ftehim li kellu mal-esponenti.

3. Illi ghalhekk, kull ammont pretiz mir-rikorrenti gie saldat bl-affarijiet, food stuffs u oggetti li ha mill-hanut “Sfax Fresh Meat & Daily Needs”.

4. Illi finalment m’huwiex minnu illi r-rikorrenti sofra danni kif allegat meta l-esponenti kif qed jghid, ma hallihx ikompli jezercita l-gestjoni bi shab mieghu kif miftiehem.

Illi, ghalhekk, ghar-ragunijiet suesposti u ghal ragunijiet ohra li jistghu jissemmew waqt il-mori tal-kawza, l-esponenti jitlob li din l-Onor Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat il-**kontro-talba mressqa minn Majid Aidi** fis-6 ta’ Ġunju, 2018 li biha ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi huwa ghamel ftehim ma’ Mohamed Mustafa Haman fit-23 ta’ Mejju, 2017 li jirrigwarda l-gestjoni u l-operat ta’ hanut tal-laham bl-isem “Sfax Fresh Meat & Daily Needs” fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar (Dok MA 1)

2. Illi l-ftehim mar-rikorrenti kien li l-ispejjez jinqasmu ugwalment u d-dhul u l-qliegh ukoll jigu divizi ugwalment;

3. Illi meta l-esponenti siefer barra minn Malta, r-rikorrenti minflok baqa' jiggestixxi l-hanut kif miftiehem, ad insaputa u fl-esponenti, qabad, ha u garr il-merkanzija kollha li setgha mill-hanut imsemmi u bihom forna hanut iehor li fetah ghal rasu, fl-istess akwata ta' San Pawl il-Bahar, u beda jiggestixxi negozju ghalih u indipendenti mill-esponenti. B'dan il-mod huwa unilateralment ittermina l-ftehim li kellu mal-esponenti dwar il-gestjoni tal-hanut imsemmi;

4. Illi kawza tal-agir illegali tar-rikorrenti, l-esponenti sofra danni ammontanti ghal eluf ta' Euro kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

5. Illi wkoll, ghalkemm l-ispejjez rizultanti mill-gestjoni tal-hanut imsemmi kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet kif jirrizulta mill-ftehim Dok MA 1, l-esponenti spicca jhallas wahdu diversi spejjez ghax ir-rikorrenti baqa' jirrifjuta li johrog sehmu.

6. Illi permezz ta' ftehim iehor li l-esponenti Majid Aidi ghamel mar-rikorrenti Mohamend Mustafa Haman ukoll fit-23 ta' Mejju, 2017, l-esponenti silef lir-rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) u obbliga ruhu li jhallas lura l-istess somma lill-esponenti fi zmien sena mid-data tal-ftehim (Dok MA 2);

7. Illi sallum, ghalkemm is-sena minn fuq il-ftehim Dok MA 2 ghaddiet, ir-rikorrenti baqa' ma hallasx xejn lill-esponenti;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kkaguna danni lill-esponenti meta minn wara dahar l-esponenti, huwa qabad u ha merkanzija mill-hanut tal-laham imsemmi u wkoll naqas li jhallas sehmu minn hafna spejjez li thallsu mill-esponenti, kif ukoll baqa' inadempjenti mill-hlas tas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) li l-esponenti kien silfu, u ghalhekk qeghda ssir din il-Kontro Talba.

Jghid ghalhekk ir-rikorrenti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tiddikjara:

1. Illi l-esponenti sofra danni meta r-rikorrenti, ad insaputa tieghu, qabad, ha u garr merkanzija mill-hanut “Sfax Fresh Meat & Daily Needs”, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti jekk mehtieg bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lir-rikorrenti jhallas id-danni hekk likwidati;

4. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandu jaghti lill-esponenti l-ammont ta’ ghaxart elef Euro (€10,000) skond l-iskrittura Dok MA 2; u

5. Tikkundanna lir-rikorrenti Mohamed Mustafa Haman sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta’ ghaxart elef Euro (€10,000) flimkien mal-imghax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta’ Mejju 2018 sad-data tal-hlas effettiv, u dan kif miftiehem skont il-ftehim Dok MA 2.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju li qed jinhareg kontestwalment u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ din il-Kontro-Talba kontra r-rikorrenti Mohamed Mustafa Haman, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenut** tat-13 ta’ Ġunju, 2018 li taqra kif ġej:

- In kwantu ghar-raba’ u l-hames talba kif kontenuti fil-kontro-talba ghall-hlas ta’ ghaxart elef Euro skond skrittura datata 23 ta’ Mejju 2017, l-eccipjenti jaqbel u jammetti limitatament dina t-talba mhux però bil-kwalifika tal-imghax legali u dana peress li l-intimat ghandu jaghti somma flus ferm akbar lill-ecipjenti;

- Illi l-ewwel zewg talbiet qed jigu kkontestati u dana peress li l-esponenti ma’ ha u garr ebda merkanzija mill-hanut in kwistjoni kif qed jallega l-konvenut u kif tal-volta ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi;

- Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi li ġew imressqa waqt il-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri;

Rat illi l-attur tramite l-avukat tiegħu waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2019, kjarifika "illi l-attur jaqbel illi mit-tletin elf euro li ghandu jiehu hu ghandhom jigu mnaqqsa s-somma ta' ghaxart elef illi l-istess attur ghandu jaghti lill-konvenut."

Rat illi nonostante li l-attur ingħata ż-żmien jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa naqas milli jagħmel dan;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ppreżentata mill-konvenut Majid Aidi fis-6 ta' Jannar 2021;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fid-29 t'Ottubru 2018 xehed l-**attur** fejn spjega li huwa kien daħal fi ftehim mal-konvenut sabiex jiġġestixxu flimkien ħanut tal-laħam li kien diġa ġestit mill-konvenut waħdu għal madwar sena. Fuq il-ftehim kien hemm qbil li flimkien jikkontribwixxu sittin elf euro, tletin elf ewro kull wieħed. Spjega li xtraw l-għodda meħtieġa sabiex imexxu l-ħanut. Però kompla jispjega "il-ħanut kien hemm affarijiet diġà ssettiljati, għodda, friża, etc etc billi dan il-ħanut kien ilu sena kważi qabel kien 2016 kien ħanut tiegħu bażikament. Hawnhekk li wasalna għall-ftehim, għalhekk ħallast somma tletin elf euro fil-freezer u fil-ħanut u dawk l-għodda għalhekk ħallas hu dak l-ammont tletin

elf euro." Jgħid li ħadmu xahrejn flimkien u dan għaliex il-konvenut dejjem jagħmel ta' rasu, b'konsegwenza li kien hemm nuqqas ta' ftehim. L-ammont li qiegħed jippretendi mingħand il-konvenut bħala danni hija s-somma ta' għoxrin elf u ċioe t-tletin elf li huwa nvesta fil-ħanut nieqes l-għaxart elef ewro mislufa minnu mingħand il-konvenut. Ix-xhud jgħid li m'huwiex minnu li huwa ħa xi flus jew għodda minn ġol-ħanut.

Xehdet ukoll l-Avukat **Dr. Leontine Calleja** fejn ikkonfermat li kienet saret skrittura bejn il-partijiet fit-23 ta' Mejju 2017 u kkonfermat il-firma tagħha. Tgħid li bdew jiddiskutu quddiemha u li bdew jiftehmu fuqu hija kitbitu.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2019 i**l-konvenut** Majid Aidi ippreżenta kopja ta' estratt tal-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet Majid Aidi vs. Mohamed Mustafa Haman (Mand. Qbid 922/2018) ippreżentat fir-Reġistru fis-6 ta' Ġunju 2018 kontestwalment mal-preżentata tar-risposta ġuramentata u l-kontro talba tiegħu kontra l-attur rikonvenzjonat. F'dan il-Mandat il-konvenut rikonvenzjonanti talab il-ħruġ ta' mandat kontra l-attur rikonvenzjonat għas-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) bil-kawżali "Ammont ta' flus dovut mid-debitur (l-attur) lill-kreditur (il-konvenut) kif ukoll danni li l-kreditur sofra meta d-debitur ħadlu kwantita' ta' food stuffs mill-ħanut tiegħu u dan kollu aktar kif dedott fil-Kontro-Talba tal-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 481/2018LM fl-ismijiet Mohamed Mustafa Hanan vs Majid Aidi appuntata ghall-20 ta' Ġunju 2018."

Tajjeb jiġi senjalat illi skond l-atti jirriżulta li dan il-mandat ġie eżegwit ġewwa ħanut iehor tal-laħam li jinsab viċin il-ħanut mertu tal-kawża. Il-konvenut rikonvenzjonant jallega illi l-attur rikonvenzjonat, mingħajr il-kunsens tiegħu ħa diversi oġġetti tal-ikel mill-ħanut mertu tal-kawża u ħadhom f'dan il-ħanut viċin fejn ġie eżegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju ottenut mill-konvenut rikonvenzjonant.

Fl-20 ta' Ġunju 2018 saret l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju de quo ppreżentat mill-konvenut rikonvenzjonant fejn ġew maqbuda għadd ta' makkinarju, appliances u oġġetti li wieħed isib f'ħanut tal-laħam però ma sarx elevazjoni tagħhom u dan kif mitlub mill-kreditur stess tramite l-avukat tiegħu b'istruzzjonijiet verbali lill-Marixxal dak il-ħin tal-eżekuzzjoni. Fl-istess jum tal-20 ta' Ġunju 2018 l-attur

ippreżenta rikors fl-atti tal-mandat jitlob ir-rilaxx tal-oġġetti u dan fuq il-pretest li l-oġġetti maqbuda fil-ħanut "Meat Kingdom", Triq il-Qalb ta' Ġesu, Buġibba, San Pawl il-Baħar, m'humiex tiegħu iżda ta' ċertu Dr. Abdusalam Forjani, li kera l-fond minn fejn ġew maqbuda l-oġġetti. F'dan ir-rikors l-attur rikonvenzjonat Mohamed Mustafa Haman qal li huwa jaħdem biss f'dak il-ħanut.

Jirriżulta mill-atti tal-istess mandat illi b'nota tad-9 ta' Lulju 2018 il-Marixxal Manolito Briffa li eżegwixxa l-mandat iddikjara illi wara l-eżekuzzjoni huwa ma ingħatax iċ-ċwievet tal-ħanut u li ma ta ebda ordni sabiex il-ħanut jingħalaq jew jiġi ssiġillat.

Fil-verbal tal-eżekuzzjoni tal-mandat il-marixxal l-ewwel niżżel li kien kien qed jagħti kopja tal-mandat u r-riferta tal-eżekuzzjoni f'idejn "Amar Larbi lavrant li sibt fil-post...." imbagħad ingassa dawk il-kliem u kompla jikteb "u f'idejn Mahamed Mustafa Haman personali" u cioe' l-attur rikonvenzjonat..

Minn kopja ta' rapport maħruġ mill-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra jirriżulta li fl-istess jum tal-20 ta' Ġunju 2018 għal ħabta tal-4.00 p.m., ċioe' wara li ġie eżegwit il-mandat de quo, ċertu Adrian Sciberras, apparentement rappreżentant tal-kumpanija AF & Sons Limited, mar fl-Għassa tal-Qawra u ddikjara li l-kumpanija AF & Sons Limited għandha ħanut fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', li kienu taw il-pussess (għalkemm fir-rapport tintuża l-kelma evidentement erronja "position") lil Mohamed Mustafa Hamam ID 767933(A) u li b'ordni tal-Qorti Mohamed Mustafa "needed to give the key to AF & Sons Limited."  Jingħad ukoll f'dan ir-rapport illi "the keys now are in hands of AF SONS COMPANY LIMITED as order by court" ..."this report is for further referents" (sic)..

L-**attur xehed in kontro-eżami** miżmum fit-13 ta' Marzu 2019. Huwa ikkonferma li huwa ottjena l-ħruġ ta'  Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju għas-somma ta' tletin elf ewro (€30,000). Jikkonferma iżda li huwa għandu jagħti għaxart elef ewro (€10,000) lill-konvenut u għalhekk is-somma proprja li huwa qed jippretendi mingħand il-konvenut hija dik ta' għoxrin elf euro (€20,000). B'referenza għall-Mandat ta' Qbid eżegwit f'ħanut viċin dak mertu tal-kawża, l-attur jinsisti fix-xhieda tiegħu illi mal-

eżekuzzjoni tal-mandat mill-Marixxal iċ-ċavetta tal-ħanut "Meat Kingdom" kien ħadha l-konvenut li fuq talba tiegħu kien inħareġ il-mandat..

Xehed is-**Surġent Brandon Gauci** fejn ikkonferma r-rapport imħejji minnu fl-20 ta' Ġunju 2018 u li huwa kiteb dak li intqal lilu. In kontro-eżami spjega li ħadd ma tah ċwievet lilu. Kwistjonijiet ċivili huma ma jidħlux fihom. Ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni jikkonferma jekk AF & Sons Co Ltd huwiex sid il-ħanut.

Xehed il-**Marixxal Manolito Briffa** fejn ikkonferma li kien eżegwixxa l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-numru 922/2018. Spjega li kien ikkomunika miegħu Dr. Frank Cassar li kien qed jirrappreżenta lill-konvenut rikonvenzjonant li fuq talba tiegħu kien inħareġ il-mandat. Xhed illi Dr Cassar kien talbu sabiex l-oġġetti kollha maqbuda jibqgħu fil-fond indikat fuq il-Mandat. Ix-xhud ikkonferma li quddiemu ma ħareġ xejn mill-ħanut. In kontro-eżami l-marixxal ikkonferma li preżenti għal qbid tal-oġġetti kien hemm sid il-ħanut li kien qallu li l-affarijiet huma kollha tiegħu; għalkemm ma jgħidx min kienet din il-persuna li lilu qaltlu li kienet is-sid.

Xehed minn jeddu l-konvenut **Majid Aidi** fejn spjega li l-attur u hu kienu marru għand Nutar (recte. Avukat) u għamlu karta bejniethom però ma tah xejn quddiemha. Il-ftehim kien li l-attur Mustafa ser jidħol fi sħab mal-konvenut Aidi fil-ħanut "Sfax Fresh Meat & Daily Needs" , ħanut li skond il-konvenut kien diġà armat minn kollox;

Il-konvenut jgħid li l-ħanut kien immexxi minnu qabel ma daħal Mustafa bi sħab. Kien Mustafa li talbu biex jidħol fi sħab miegħu. Jikkonferma li l-ftehim kien fis-sens li l-ispejjeż u l-qliegħ jinqasmu nofs bin-nofs, jgħid iżda li m'huwiex minnu li l-attur għaddielu t-tletin elf ewro li hemm imsemmija fil-ftehim. Aidi jinnega li huwa keċċa lil Mohamed Mustafa Haman. Il-konvenut jirrakkonta episodju fejn huwa kien ħalla lill-attur jaħdem waħdu għal xi żmien fil-ħanut u dan għaliex huwa kellu jmur it-Tuneżija u meta ġie lura jgħid li huwa sab il-ħanut vojt. Għall-mistoqsija: "Hu [b'referenza għal Mohamed Mustafa Haman] kien hemm fil-ħanut?" ix-xhud wieġeb "Iva". Jgħid ukoll li Haman kaxkar kollox u fetaħ ħanut ieħor maġenbu bl-istess negozju u l-istess prodotti. Jikkonferma li huwa kellmu. Jgħid li l-attur għamillu sekwestru ta' €30,000 però huwa ma kellux dak l-ammont sabiex jiddepożitah u allura jkun jista' jottjeni kontro-mandat. Jgħid li "kelli nsib wieħed biex nitfa' tletin elf il-

bank u ħriġt mill-ħanut". Fir-rigward tad-danni li huwa jsemmi fil-kontro-talba, ix-xhud jispjega li huwa tilef (ix-xhud apparti l-kelma "tlift" juża wkoll il-kelma "neħħejt") il-ħanut (il-kirja), tefa' €30,000 il-bank minħabba s-sekwestru, qiegħed iħallas id-djun għax kollox qiegħed fuq ismu, tilef ukoll l-armar tal-ħanut peress li jallega li l-attur kaxkar kollox mill-ħanut li allegatament jammonta għal valur ta' minimu €60,000 (apparti €30,000 li ddepożita fil-bank iżda li għadhom fil-bank) kif ukoll l-ikel u l-laħam kollu. Dwar il-mandat ta' qbid kawtelatorju li l-konvenut ottjena kontra l-atur li ġie eżegwit f'ħanut viċin dak mertu tal-kawża, il-konvenut xhed li huwa ma ħa xejn mill-ħanut fejn ġie eżegwit il-mandat; ħalla kollox fejn kien. Dwar iċ-ċavetta, ix-xhud qal hekk: "morna jiena u r-rappreżentant tal-ħanut li kien Birkirkara, morna l-għassa tal-pulizija l-Qawra, iffirma hu quddiem l-għassa li jien ċavetta m'għandi xejn u hu responsabbli [...]".

In kontro-eżami l-konvenut jisħaq li €30,000 ma kienux ta' self iżda kienu għax daħal miegħu bi sħab tant li l-ftehim li sar quddiem l-Avukat jgħid 50/50. Għal mistoqsija min hemm fil-ħanut illum, Aidi jgħid li huwa neħħa l-ħanut mill-ġurnata li sar is-sekwestru u qiegħed "għand wieħed aġenzija li mixtri l-ħanut għandu" li jismu El Masri. Dan sar bi ftehim bil-miktub. Jgħid li El Masri l-ħanut ħadu bi €30,000, jiċċara li meta huwa kellu bżonn €30,000 minħabba l-Mandat kien El Masri li tagħhomlu però jgħid li l-valur tal-ħanut huwa ta' €60,000. Jispjega li "ma kellhiex flus, kelli s-sekwestru u kelli dan El Masri u biegħejtlu tletin. Suppost nagħtihomlu lura imma jien ma kellhiex tletin elf u ħadli l-ħanut." Jgħid però li dan saru bil-kitba (kopja tal-iskrittura ma ġietx ippreżentata)

Il-konvenut ippreżenta erba' affidavits ta' negozjanti li biegħu prodotti lilu:

- **Emmanuel Fiteni** rappreżentant tas-soċjetà Aquatess Marketing Ltd jaħlef li fil-11 t'April 2018 huwa biegħ prodotti fil-valur ta' €61 – fattura annessa mal-affidavit;
- **Keith Trapani** rappreżentant tas-soċjetà GSD Marketing Ltd jaħlef li fl-14 t'April 2018 u fit-12 t'April 2018 huwa għamel żewġ konsenji fis-somma komplessiva ta' €401.77- fatturi annessi mal-affidavit;
- **Morgan Muscat** rappreżentant tas-soċjetà Delle Grazia Farm jaħlef li bejn it-23 ta' Marzu 2018 u 9 ta' Mejju 2018 huwa biegħ diversi prodotti lil Aidi fis-somma komplessiva ta' €654.25 – fatturi annessi mal-affidavit;

- **Robert Debono** rappreżentant tas-soċjetà Robert Debono Fresh Fruit & Vegatables Ltd jaħlef li bejn is-7 ta’ Marzu 2018 u s-7 ta’ Mejju 2018 huwa biegħ diversi prodotti lil Aidi fis-somma komplessiva ta’ €826.56 – fatturi annessi mal-affidavit.

Xehed **Raymond Attard** rappreżentant tas-soċjetà Farsons Beverage Imports Co Ltd ikkonferma li bejn April u Mejju 2018 Aidi Majid għan-nom ta’ Sfax Meat and Daily Needs kien xtara minn għand Simonds Farsons Cisk plc u Farsons Beverage Imports Co. Ltd.

Xehed **Gilbert Borg** impurtatur tal-frott ikkonferma li huwa biegħ lil Sfax Fresh Meat and Daily Needs bejn Ġunju 2017 u Marzu 2018, ikkonferma wkoll il-fatturi ippreżentati mill-konvenut.

Xehed ukoll **Carlos Abela** rappreżentant tas-soċjetà Nectar Ltd li kkonferma l-fattura datata 27 ta’ Frar 2018 li turi bejgħ lil Sfax Fresh Meat and Daily Needs.

Xehed **Alan Schembri**, rappreżentant tas-soċjetà Miller Distributors Ltd. Ikkonferma li huma għamlu konsenja ta’ prodotti lil Sfax Confectionery bejn 20 ta’ Diċembru 2017 u Ottubru 2018

Xehed **Mark Gauci** rappreżentant tas-soċjetà Gauci Poulty Ltd li kkonferma l-fatturi dati bejn Jannar 2018 u Mejju 2018 li juru bejgħ lil Sfax butcher.

Xehed **Nicky Debono** rappreżentant tas-soċjetà Attard & Co Food Ltd fejn ippreżenta lista ta’ tranżazzjonijiet bejn l-4 ta’ Lulju 2017 u t-23 t’April 2018 li tikkonferma bejgħ ta’ prodotti lil Sfax Fresh Meat and Daily Needs.

Xehdet **Annabelle Micallef**, rappreżentant tas-soċjetà Tutto Marketing Ltd, permezz t’affidavit ikkonfermat li Aidi Majid kien imexxi l-ħanut Sfax Hallal Fresh Meat and Daily Needs. Annettiet lista ta’ tranżazzjonijiet li saru bejn Lulju 2017 u Settembru 2018.

**Il-konvenut Majid Aidi** xehed ukoll permezz t'affidavit li miegħu annetta numru ta' fatturi oħra għal servizzi u ordnijiet oħra li kien għamel:

- Thomas Smith & Co. Ltd datati (tnejn) 21 ta' Ġunju 2017;
- Express Trailers Ltd datata 7 ta' Diċembru 2016;
- Mazaga Importers and Wholesalers datati 6 ta' Marzu u 2018 u 3 t'April 2018;
- OMA Trading S.P.R.L (soċjetà Belġjana) datata 31 ta' Mejju 2017;
- JLP Limited datati 22 ta' Jannar 2018, 13 ta' Marzu 2018, 2 t'April 2018 u 30 t'April 2018.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

L-attur intavola l-kawża odjerna għaliex jikkontendi illi wara li huwa flimkien mal-konvenut daħlu fi sħab fit-23 ta' Mejju 2017 sabiex jiġġestixxu flimkien ħanut bl-isem "Sfax Fresh Meat & Daily Needs" li kien ġia ġestit mill-konvenut waħdu għal madwar sena, u bħala parti mill-ftehim huwa ħareġ is-somma ta' €30,000, €10,000 minnhomm mislufa mingħand l-istess konvenut, wara tlett xhur huwa ġie mkeċċi mill-konvenut. Jipremetti illi kawża tal-aġir tal-konvenut huwa sofra danni. Fit-talbiet l-attur jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-attur sofra danni għaliex il-konvenut ma ħallieħx "ikompli jezercita l-gestjoni bi shab kif miftiehem fil-ftehim datat 23 ta' Mejju 2017 tal-hanut "Sfax Fresh Meat & Daily Needs" Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar."

**Konsiderazzjonijiet**.

Ir-responsabbiltà għad-danni tista tkun waħda kuntrattwali, u ċioe responsabiltà għal danni li jemanu minn ksur ta' obbligazzjoni li jkun ġie ikkuntrattat, jew inkella extra-kuntrattwali jew akwiljani (li titnissel minn delitt jew kważi delitt) u ċioe responsabbiltà għal danni kaġunati minn kwalsiasi fatt illeċitu, sew jekk jiġi kommess b'dolo jew malizja, sew jekk jiġi magħmul bis-sempliċi negliġenza jew kolpa u ħtija ċivili.

Din il-Qorti tagħraf illi l-kawża tal-attur hija msejsa fuq obbligi naxxenti minn kuntratt ta' bejn il-partijiet tat-23 ta' Mejju 2017. Dan huwa evidenti kemm mill-premessi u aktar u aktar mill-ewwel talba tal-attur li tagħmel referenza għal danni kkawżata meta "l-intimat ma halliehx ikompli jeżerċita l-gestjoni bi shab kif miftiehem fil-ftehim datat 23 ta' Mejju 2017".

Bit-talbiet rikonvenzjonali l-konvenut min-naħa tiegħu qed ifittes lill-attur għad-danni fuq l-allegazzjoni li l-attur, bil-moħbi tal-konvenut waqt li dan kien imsiefer "qabad, ha u garr merkanzija mill-hanut "Sfax Fresh Meat & Daily Needs".

Ikkunsidrat;

***Danni kuntrattwali***

**Artikolu 960** tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi kuntratt bħala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni". Meta kull parti fil-kuntratt tintrabat sabiex teżegwixxi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b'titolu oneruż. Il-parti fil-kuntratt li tonqos milli teżegwixxi l-obbligazzjoni hi obbligata li tħallas għad-danni. F'sentenza fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe vs. Thomas sive Tome Castle** deċiża fit-18 t'Awwissu 1965 mogħtija mill-Prim' Awla presjeduta mill-Imħallef M. Caruana Curran ingħad li "*colpa* jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra".

F'deċiżjoni *in parte* mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Av. Dr Louis Cassar Pullicino noe vs. Angelo Xuereb pro et noe** (Ċit Nru 1264/1991/1), danni *ex contractu* ġew deskritti b'dan il-mod:

> "Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur

fuq liema ma kellux kontroll. [...] hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident [...]"

Meta l-partijiet jagħżlu illi jikkuntrattaw l-obbligazzjonijiet tagħhom huma jkunu qegħdin jintrabtu bil-kundizzjonijiet kollha mniżżla f'dik l-iskrittura u dan a bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Fis-sistema ġuridika Maltija, dan il-kunċett huwa inkorporat fl-**Artikolu 992** tal-Kodiċi Ċivili. Il-prinċipji applikabbli f'dan ir-rigward u li ġew konsistentement imsemmija ġew elenkati mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **John Spiteri et vs. Popeye Investments Ltd** (App Ċiv 161/1997/2) deċiża fit-3 ta' Novembru 2006:

"i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) Kodici Civili; Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe [Appell Kummercjali deciz 16 ta' Lulju 1973]).

ii) Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi (Art. 993 Kodici Civili).

iii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni [Vol.XXXIV.i.p27] fejn inghad li "l-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".

iv) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien." [**J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997]

v) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li hu importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot.

[**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997]"

Rilevanti in tema wkoll huwa l-prinċipju tal-*buona fede* fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti, li huwa kunċett li jsib il-fondament tiegħu fil-prinċipji ta' ġustizzja, raġjonevolezza u onesta` u, bħall-prinċipju ta' *pacta sunt servanda,* jikkostitwixxi wkoll prinċipju kardinali tal-liġi kontrattwali li jinsab manifestat fl-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jeħtieġ illi t-termini kontrattwali li jkunu ġew pattwiti bejn il-partijiet, jiġu rispettati u onorati u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni. Fis-sentenza **Thomas Farrell et vs. Joseph Mercieca et** (Ċit Nru 1758/2000 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 t'April 2011 ġie ritenut li "*Minbarra dan, il-bona fidi titlob li kull min jintrabat b'obbligazzjoni ma' kontraent ieħor iwettaq dak li ntrabat bih u mhux jinqeda bi skużi biex jaħrab mir-rabta."*

Skont l-**Artikolu 1133** tal-Kodiċi Ċivili "Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija."

Fis-sentenza **AX Construction Limited vs. Tony Mallia Bonello** (App Ċiv 663/2001) deċiża fl-10 ta' Ottubru 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) irriteniet hekk

"In tema, hu pacifikament stabbilit f'bosta decizjonijiet illi l-kreditur ghandu jipprova l-inadempiment tad-debitur. Una volta jirnexxielu jaghmel dan, jaqa' mbaghad fuq id-debitur il-piz li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha hu ma kienx responsabbli. Jigifieri sta ghad-debitur li jipprova li hu ma kellux htija billi adopera d-diligenza tal-bonus paterfamilias. Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur jitqies fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni. Ara a propozitu, fost ohrajn, sentenzi a Vol. XXVII P I p 912; Vol.XXXVII PI p197uVol.XXXIX PII p585;"

Fid-deċiżjoni **Mekanika Limited vs. Eurobyte Limited** (Ċit Nru 2532/2000 JRM) mogħtija fl-10 ta' Novembru 2010 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi jkun xieraq li wiehed izomm quddiem ghajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta` sura kuntrattwali, l-ghan taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li l-parti kontraenti mgarrba turi li batiet minhabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-ohra, u m`ghandhomx ikunu ghodda ta` kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti mgarrba li tistaghna bi hsara tal-parti inadempjenti [App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawza fl-ismijiet **Calleja noe vs Mamo pro et noe** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)]. B`mod partikolari, min, minhabba ksur ta` rabta kuntrattwali li jkun dahal ghaliha, jsir responsabbli ghall-hlas tad-danni lill-parti l-ohra jrid jaghmel tajjeb ghal kull dannu li ragonevolment jitqies konsegwenti direttament ghal dak in-nuqqas [P.A. PS **23.4.2010** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.** (mhix appellata)] filwaqt li l-istess parti mgarrba ghandha d-dmir li tiehu l-passi mehtiega biex tnaqqas kemm jista` jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma taghmlux aghar [App. Inf. **3.11.1956** fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Livick** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)]."

Ikkunsidrat;

Il-partijiet fil-kawża odjerna iffirmaw żewġ kuntratti fit-23 ta' Mejju 2017 quddiem l-Av. Dr. Leontine Calleja: wieħed jirrigwarda l-**ġestjoni tal-ħanut** bl-isem SFAX Fresh Meat & Daily Needs u l-ieħor jirrigwarda **self ta' flus.**

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tagħmel konsiderazzjoni dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut ma ħalliħx ikompli jeżerċita l-ġestjoni bi sħab tan-negozju u li sofra d-danni konsegwenzjali. Fl-ewwel kuntratt, il-partijiet qablu fuq s-segwenti:

- *"The parties agree that they shall operate the shop named SFAX in partnership between them on a 50/50 basis as from the 1st June 2017;*
- *The parties agree that all expenses that will be incurred in the operation of the shop shall be paid by both parties equally including but not Limited to electricity, water, permits, daily expenses, rent, products, etc;*

- *The parties agree that any profits that are made from the operation of the business are to be shared equally between them;*
- *The parties agree that Majid Aidi has already invested the sum of 30,000 euros into SFAX Fresh Meat & Daily needs and Muhamed Mustafa Haman has also invested the sum of 30,000 euros."*

Fil-kawża odjerna l-evidenza prevalenti turi illi circa sena qabel ġie ffirmat il-ftehim ta' bejn il-partijiet, il-konvenut kien beda jiġġestxxi waħdu il-ħanut SFAX. Wara li l-konvenut kien ilu xi sena waħdu f'dan il-ħanut l-attur avviċina lill-konvenut sabiex jidħlu fi sħab.

Il-konvenut Aidi qabel mal-proposta tant li bis-saħħa tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 redatt mill-Av. Dr. Leontine Calleja, il-partijiet f'din il-kawża daħlu fi sħab sabiex jiġġestixxu l-ħanut tal-laħam imsemmi. Minn dan il-ftehim joħroġ li dan in-negozju kellu jitmexxa nofs bin-nofs u kull qligħ u spiża għandha tinqasam b'mod ugwali. Jirriżulta wkoll mill-ftehim illi sabiex daħal bi sħab mal-konvenut, l-attur ħareġ is-somma ta' €30,000, €10,000 minnhom mislufa mingħand l-istess konvenut. Il-ftehim jistipula wkoll li l-konvenut kien ukoll investa €30,000 f'dan in-negozju. Il-ftehim jistipula b'mod inekwivoku illi "Majid Aidi has already invested the sum of 30,000 euros in SFAX Fresh Meat & Daily needs and Muhamed Mustafa Hamn has also invested the sum of 30,000 euros."

L-attur xhed illi wara xahrejn jaħdmu flimkien inqala disgwid bejniethom. Mistoqsi in eżami għaliex damu xahrejn biss jaħdmu flimkien l-attur irrisponda: "Il-punt huwa n-nuqqas ta' ftehim bażikament illi n-naħa l-oħra jmexxi ta' rasu. Għalhekk li ma wasalnix nahdmu flimkien. Dejjem kien jagħmel ta' rasu." Jispjega illi meta inqala d-disgwid bejniethom għamlu diversi laqgħat anke bl-intervent ta' terzi iżda "qatt ma wasalna.....ma wasalna mkien". Spiċċaw jillatikaw u xhed li l-konvenut spiċċa biex qallu "mur fittex il-Qorti, mur għamel li trid."

L-attur iqis għalhekk illi ġie mkeċċi mill-ħanut u qed jippretendi d-danni. Fix-xhieda tiegħu l-attur jammetti illi huwa għandu jagħti lill-konvenut €10,000.

Min-naħa tiegħu, l-konvenut jinsisti li m'huwiex minnu li huwa keċċa lill-attur; skontu kien l-attur li telaq mill-ħanut u fetaħ ħanut ieħor fl-istess inħawi u jbiegħ l-istess affarijiet. Il-konvenut jgħid mhux lakemm l-attur telaq iżda ġarr kollox miegħu. Din fil-fatt hija wkoll il-bażi tal-azzjoni rikonvenzjonali għad-danni promossa mill-konvenut fil-kontro talba tiegħu li ser tiġi trattata aktar 'l isfel imma xi aspetti tagħha sejrin jiġu trattati wkoll fil-konsiderazzjonijiet dwar it-talbiet attriċi.

Huwa manifest il-konflitt bejn il-verżjoni mogħtija mill-attur u dik mogħtija mill-konvenut dwar x'inhi r-raġuni li l-konvenut ma baqax jaħdem fil-ħanut SFAX Fresh Meat & Daily Needs.

Ikkonsidrat;

**Apprezzament tal-Provi Konfliġġenti**.

In tema legali dwar l-apprezzament tal-provi fejn tirriżulta konflittwalità fil-verżjonijiet tal-partijiet issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 1966 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-kompjant l-Imħallef Maurice Caruana Curran fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut** (App. Ċiv. Nru 1590/2000PS) ikkunsidrat illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi."

Inghad ukoll illi: "fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."

Dwar l-evalwazzjoni tal-provi mressqa mill-partijiet rilevanti ħafna dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et (Ċit Nru 2592/1999 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla** fis-26 ta' Settembru 2013, ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."

F'dan l-istess każ, kompla jingħad:

> "Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**, Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm 'il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti

attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 – **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

Illi huwa ghalhekk, li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**)."

Issir ukoll referenza għal dak ribadit fil-każ **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi (App Ċiv 503/2002)**, deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

- "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-prova timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn kontendenti sija fuq fattur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probation*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (Vol.XLVI.i.5).

ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra ghax kif jinghad, jista' jkun gie stabbilit fatt li juri li *prima facie* t-tezi tal-attur hija sostenuta - (Ara Vol. XXXVII.i.577).

iii) Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probate*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' inverzjoni tal-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-prova ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. (ara wkoll **Dr. Ian Vella Galea noe. vs Alistair Tulloch Robert Clifford**, P.A. (JZM) deciza fis-26 ta' Mejju 2016)."

Għaldaqstant ġaladarba din il-Qorti hija rinfaċċata minn provi konfliġġenti, hija sejra tiġi gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li ġew prodotti quddiemha:

- Sejra tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li hija aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u
- Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*.

F’azzjoni għall-ħlas ta’ danni kuntrattwali l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-eżekuzzjoni ta’ dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta’ l-istess attur.

Il-ftehim ta' bejn il-partijiet, għalkemm ma setax ikun aktar xott milli fil-fatt kien, essenzjalment kien jikkonsisti filli l-konvenut ġia b'ġestjoni ta' ħanut tal-laħam ftiehem mal-attur li jdaħħlu miegħu bi sħab. Naturalment dan kien ifisser illi l-attur u l-konvenut jaħdmu flimkien bil-ħsieb li jaqsmu l-profitti indaqs bejniethom, frott l-investiment li t-tnejn għamlu fil-ġestjoni ta' dak in-negozju. Isegwi għalhekk illi l-konvenut kien obbliga ruħu li jħalli lill-attur jiġġestixxi n-negozju flimkien miegħu ġewwa dak il-ħanut.

Waqt ix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid li l-attur ma ħallasx it-tletin elf Ewro (€30,000) imsemmija fil-ftehim. L-iskrittura ta' bejniethom tikkontradixxi l-verżjoni tal-konvenut. Minn qari tal-ftehim li sar quddiem Av. Dr. Leontine Calleja u li ġie iffirmat miż-żewġ partijiet, jirriżulta li €30,000 fil-fatt l-attur ħallashom: “*The parties agree that Majid Aidi has already invested the sum of 30,000 euros into SFAX Fresh Meat & Daily needs and Muhamed Mustafa Haman* ***has also invested*** *the sum of 30,000 euros*”. Dan il-kliem juri għalhekk li l-flus kienu diġà ġew investiti qabel ma marru quddiem l-Avukat sabiex jagħmlu l-iskrittura. M’hemm xejn juri f’dik l-iskrittura li l-flus kienu ser jiġu investiti wara l-iffirmar tal-kuntratt. Jekk verament l-attur ma nvestiex il-flus, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-konvenut milli jitlob li fil-ftehim jitniżżel li l-ħlas ta’ €30,000 għad irid isir u mhux li diġa sar.

L-attur fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti xehed li kien hemm nuqqas ta' ftehim serju bejniethom li skala sal-punt li f'okkażżjoni minnhom il-konvenut kien ħebb għalih b'sikkina. Il-konvenut ma ċaħadx din l-allegazzjoni.meta xhed fit-22 ta' Mejju 2019 .

Għall-finijiet ta' kredibilita' tajjeb ukoll li jiġu eżaminati l-fatti dwar il-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid kawtelatorju maħruġ fuq talba tal-konvenut rikonvenzjonant. Dak il-mandat ġie eżegwit ġewwa ħanut bl-isem "Meat Kingdom" li jinstab ftit 'il bogħod mill-ħanut mertu tal-kawża u li fiż-żmien tal-eżekuzzjoni l-attur jidher li kien qed jiġġestixxi negozju tal-bejgħ tal-laħam fih.

Mid-dokumenti li ppreżenta l-konvenut stess jirriżulta li l-mandat ta' qbid kawtelatorju nru 922/18 maħruġ fuq talba tal-konvenut rikonvenzjonant ġie eżegwit fuq il-ħwejjeġ li kienu jinstabu fil-ħanut li fih mar jaħdem l-attur u li ma hux mertu tal-kawża, Wara li ġie eżegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju fit-tieni ħanut l-attur ippreżenta żewġ rikorsi,wieħed fl-istess jum tal-eżekuzzjoni u cioe' fl-20 ta' Ġunju 2018 u ieħor ġimgħatejn wara u cioe' fl-4 ta' Lulju 2018.

Fl-ewwel rikors l-attur rikonvenzjonat jiddikjara illi l-oġġetti li nqabdu ma humiex proprjeta' tiegħu iżda ta' ċertu Dr Abdusalam Forjani u għalhekk talab ir-rilaxx tagħhom. X'eżitu kien hemm għal dan ir-rikors ma jirriżultax mill-atti pero' wisq probabli illi wara li l-Qorti b'digriet kamerali mogħti fl-istess jum tal-preżentata tiegħu ordnat li jinħareġ għan-notifika, ma jidher li sar l-ebda ħlas sabiex issir in-notifika ordnata mill-Qorti u r-rikors baqa' pendenti.

Fit-tieni rikors ippreżentat fl-4 ta' Luju 2018, ġimgħatejn wara li ġie eżegwit il-mandat ta' qbid, l-attur, intimat f'dak il-mandat, talab li l-Qorti tordna li jingħata ċ-ċwievet tal-ħanut "Meat Kingdom" fejn ġie eżegwit il-mandat. Dan ir-rikors ġie eventwalment miċħud fuq punt proċedurali; pero' li hu rilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna huma l-premessi li l-attur niżżel f'dak ir-rikors. Jakkuża lill-konvenut illi kien ipproċeda kontrih b'talbiet rikonvenzjonali u bl-otteniment ta' mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-ħanut "Meat Kingdom" "....Aidi għamilhom semplicement biex ma jhallix lill-esponent (jiġifieri l-attur odjern) jkompli jahdem u jopera bil-hanut tal-bejgh tal-laham li huwa qed jiggestixxi. Tant hu hekk li sar anke mandat ta' qbid bl-elevazzjoni fuq makkinarju li mhux proprjeta tal-esponenti izda ta' terzi;"

Fil-premessi ta' dak ir-rikors jingħad illi "... meta Majid Aidi gie mal-Marixxalli tal-Qorti biex issir l-elevazzjoni, dana personalment hu, ha c-cwievet tal-hanut u l-hanut gie maghluq suppost 'fuq ordni tal-Qorti'.

Jirriżulta mill-atti illi verament li l-konvenut kien preżenti meta kien qed jiġi eżegwit il-mandat mill-marixxalli għaliex f'dak iż-żmien kien qed jiġġestixxi dak il-ħanut; u verament ukoll li ċ-ċavetta ħadha il-konvenut wara li telqu l-Marixxalli. L-impressjoni li tieħu l-Qorti hi illi l-konvenut kien jagħmilha tal-prepotenti mal-attur għaliex ma hemmx spjegazzjoni oħra kif ċavetta ta' ħanut li miegħu il-konvenut ma kellu l-ebda konnessjoni tispiċċa f'idejh proprju eżatt wara li jiġi eżegwit, mingħajr elevazzjoni, mandat ta' qbid. F'dak ir-rapport fl-għassa tal-pulizija tal-Qawra, nonostante li l-konvenut jiddikjara li kien preżenti biex jgħaddi ċ-ċavetta tal-ħanut "Meat Kingdom" lil ċertu Adrian Sciberras rappreżentant tal-kumpanija presumibilment sid il-ħanut "Meat Kingdom" , il-konvenut ma jissemma mkien fir-rapport. Huwa evidenti illi mill-20 ta' Gunju 2018 (il-jum tal-eżekuzzjoni tal-mandat) sal-4 ta' Lulju 2018 (il-jum li fih l-attur ippreżenta t-tieni rikors jitlob ordni tal-Qorti dwar iċ-ċwievet tal-ħanut "Meat Kingdom") l-attur kien sajjem mill-fatt li l-konvenut minn wara dahru kien iltaqa' dakinhar stess tal-20 ta' Ġunju 2018 fl-4.00 p.m. ma' sid il-ħanut u għaddilu ċ-ċwievet. Dan jikkorrobora dak li jgħid l-attur illi huwa kien impjega ruħu f'dak il-ħanut wara li l-konvenut ma ħalliehx aktar jipparteċipa fil-ġestjoni tal-ħanut mertu tal-kawża. Xhed hekk il-konvenut dwar il-mandat ta' qbid maħruġ fuq talba tiegħu: "Ghamiltlu iva imma ma hadtlu xejn. Baqa' kif inhu. Ic-cavetta morna jiena u rapprezentant tal-hanut li kien Birkirkara, morna l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra, iffirma hu quddiem l-ghassa li jien cavetta m'ghandi xejn u hu responsabbli ....."

Huwa evidentissimu illi f'dik l-okkażżjoni il-konvenut Majid Aidi abbuża mill-posizzjoni tiegħu ta' rikorrent f'mandat ta 'qbid u ħa mingħajr l-ebda dritt ċwievet ta' ħanut li kien qed jieħu ħsiebu l-attur. Tali aġir fil-fehma tal-Qorti huwa kompatibbli mal-aġir li l-attur jallega fil-konfront tal-konvenut fejn ma ħalliehx aktar jopera miegħu bi sħab nonostante l-ftehim bil-miktub ta' bejniethom.

Il-konvenut xhed illi wara li sar kontra tiegħu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għas-somma ta' €30,000 maħruġ fuq talba tal-attur :

"...kelli nsib wieħed biex nitfa' tletin elf il-bank u ħriġt mill-ħanut." Ex admissis il-konvenut wella l-ħanut mertu tal-kawża lil terz u ta' dan irċeva s-somma ta' €30,000

meta l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien għadu ma nħallx u lanqas saru l-konteggi sabiex jiġi stabbilit jekk in-negozju li mexxew bi sħab għal ftit taż-żmien kienx għamel profitt jew telf. Jidher ukoll verosimili illi kien il-konvenut li wella l-ħanut anke għaliex huwa kien ilu circa sena jiġġestixxi dak il-ħanut qabel daħal in xena l-attur. Meta l-konvenut iddeċieda b'mod unilaterali li jwelli lil ħaddieħor il-ħanut li dwaru l-partijiet kellha ftehim redatt fi skrittura, l-konvenut kien għal darb' oħra qed jikser l-obbligazzjoni kontrattwali tiegħu fil-konfront tal-attur.

Pero' anke hawn il-konvenut qed jigdeb. Il-konvenut xhed illi meta sar il-mandat ta' sekwestru kontra tiegħu ma setax ikompi jaħdem u kien kostrett iwelli l-ħanut lil terz għas-somma ta' €30,000. Xhed illi għandu kollox bil-miktub iżda ma ppreżenta l-ebda dokument sabiex jissostanzja dak li xhed. Ix-xhieda tal-konvenut pero' hija kontradetta minnu stess. Dan għaliex filwaqt li l-mandat ta' sekwestru ġie ppreżentat fis-16 ta' Mejju 2018; mill-provi imressqa mill-istess konvenut insibu illi sa Ottubru 2018 huwa kien għadu qed jiġġestixxi l-ħanut mertu tal-kawża odjerna. Rilevanti f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Alan Schembri mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2019, rappreżentant tas-soċjeta' Miller Distributers Ltd fejn ikkonferma statement maħruġ mis-soċjeta' imsemmija liema statement juri illi ta' lanqas sa' Ottubru 2018 il-konvenut kien għadu qed jiġġestixxi l-ħanut mertu tal-kawża. Hemm diversi statements ta' fornituri oħra li wkoll jikkonfermaw li sa dak iż-żmien il-konvenut kien għadu qed jiġġestixxi waħdu l-ħanut de quo.

Il-Qorti tqis il-verżjoni tal-attur bħala aktar attendibbli filwaqt li tqis il-verżjoni tal-konvenut inkwinata minn kontradizzjonijiet.

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-attur irnexxielu jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu illi l-konvenut kiser l-obbligi kontrattwali tiegħu fil-konfront tal-attur u li konsegwentement huwa responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

Fil-fehma tal-Qorti għandu raġun l-attur jippretendi illi jitħallas mingħand il-konvenut is-somma ta' €20,000 li kien ħareġ sabiex jidħol sħab mal-konvenut f'negozju li l-ewwel il-konvenut żamm lill-attur milli jkompli jipparteċipa fih bi ksur tal-ftehim; u finalment il-konvenut spiċċa sabiex għaddih lill-ħaddieħor mingħajr il-kunsens u ad

insaputa tal-attur, ukoll bi ksur tal-obbligi kontrattwali tal-konvenut għad-dannu tal-attur.

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet hawn magħmula din il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-attur irnexxilu juri li b'konsegwenza tal-ksur da parti tal-konvenut tal-obbligi kontrattwali tiegħu versu l-attur; ikkaġuna lill-attur danni ekwivalenti għas-somma ta' flus li l-attur ħareġ għal negozju bi sħab. Għalhekk qed tillikwida d-dannni sofferti mill-attur fis-sommma ta' €30,000.

**Kontro-Talba.**

Il-kontro-talba hi maqsuma fi tnejn: (1) talba għad-danni fuq l-allegazzjoni li l-attur rikonvenzjonat "qabad, ha u garr merkanzija" mill-ħanut mertu tal-kawża; u (2) kundanna ta' ħlas ta' €10,000 skond skrittura ta' self tat-23 ta' Mejju 2018.

L-**Artikolu 396** tal-Kapitolu12 jiddisponi li kontro-talba hija permessa (a) meta tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċċi l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha

**Danni Reklamati mill-Konvenut Rikonvenzjonant**.

In tema legali ingħad li m'hemmx il-ħtieġa ta' kontro-talba sabiex il-Qorti tordna t-tpaċċija tal-kreditu, fost dawn insibu s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Virgilio Vella et vs. Michael Saliba et** (App Ċiv 29/2004) dil-15 ta' Settembru 2005:

> "Biex tissokta tingħata tweġiba għall-punt sollevat illi l-appellati ma avvanzaw ebda kontro-talba, u li miegħu jorbitaw kemm il-preċitat aggravju kif ukoll gravami oħra, inter alia, li t-Tribunal ma seta' qatt, in mankanza ta' kontro-talba, jasal għal konklużjoni li għandu jkun hemm tpaċija ġudizzjali, għandu jingħad illi din il-Qorti ma tarax in-neċessità li jkun hemm bilfors talba rikonvenzjonali. F'materja ta'

kumpensazzjoni ġudizzjali d-domanda rikonvenzjonali kienet tkun rikjesta li kieku l-kreditu oppost bi tpaċija ma jkunx ta' faċli likwidazzjoni. Dan għaliex f'każ bħal dan il-ġudikant ikun tenut jippronunzja ruħu kontestwalment fuq iż-żewġ domandi - dik prinċipali u dik rikonvenzjonali.

Issa skont il-ġurisprudenza l-kumpensazzjoni ġudizzjali hija ammessa meta l-kreditu ta' min iġibha 'l quddiem ikun ta' faċli likwidazzjoni avolja ma jkunx likwidu (Kollez. **Vol XXXI.i.435** u **Vol XLVIII.ii.764**). Kif magħruf ukoll il-likwidita' taż-żewġ krediti ma kienx estrem essenzjali tal-kumpensazzjoni ġudizzjali; anzi l-każi l-aktar spissi huma ta' kreditu likwidu ma' ieħor illikwidu (Kollez. **Vol XVII.iii.4)**. L-aċċertament fuq il-likwidità, hekk konsistenti minn valutazzjoni ta' fatt, ma teskludix il-possibilità li l-ġudikant jinqeda bir-riżultanzi istruttorji għad-disposizzjoni tiegħu. Biex din l-attivita' likwidazzjoni tiġi kompjuta mill-ġudikant ma hemmx għalfejn allura talba rikonvenzjonali speċifika 'ad hoc'."

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti fliet sew il-proċess sabiex tara xi prova nġabet mill-konvenut in sostenn ta' l-allegazzjoni tiegħu li l-attur seraq merkanzija mill-ħanut; iżda ma sabet l-ebda prova. Ma jirriżultax li l-konvenut għamel xi rapport lill-pulizija dwar dan l-allegat ġarr ta' merkanzija. Lanqas ġew preżentati ritratti tal-ħanut vojt, kif qiegħed jgħid il-konvenut. Ġew preżentati għad ta' fatturi li juru li l-operazzjoni tal-ħanut baqgħet għaddejja pero' tali fatturi, għalkemm ħafna fil-għadd, ma jitfgħu l-ebda dawl fuq l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur ħa merkanzija mill-ħanut de quo.

Huwa inutli u irrilevanti li l-konvenut ressaq tant xhieda u ppreżenta tant fatturi għaliex bihom ma provax l-allegazzjoni tiegħu li l-attur neħħa kollox mill-ħanut. Dawk il-fatturi juru biss li l-operat baqa' għaddej mingħajr xkiel wara li l-attur skond il-konvenut telaq jew wara li l-attur, skond l-attur, tkeċċa.. L-ispjegazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li huwa xtara l-merkanzija indikata fil-fatturi ma tipprova xejn u dan għaliex il-fatturi li nġabu juru fil-maġġorparti tagħhom il-perjodu wara li l-attur ma baqax fil-ħanut SFAX. Għal osservazzjoni tal-konvenut rigwardanti l-ammont ta' provi ppreżentati, din il-Qorti tqis li m'huwiex il-kwantità ta' xhieda li

titressaq li hija importanti, hija s-sustanza relevanti li toħroġ minn dik ix-xhieda li huwa rilevanti.

Rilevanti wkoll jiġi osservat illi filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonat jallega li sofra danni fuq allegazzjoni ta' serq da parti tal-attur rikonvenzjonat; jirriżulta illi mhux biss il-konvenut ma għamel l-ebda rapport lill-pulizija dwar dan l-allegat serq iżda lanqas ipproċeda kontra l-attur. Kien biss wara li l-attur istitwixxa l-kawża odjerna u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut, li dan ta' l-aħħar ipproċeda għall-ewwel darba fir-rigward billi ppreżenta kontro-talba kif ukoll ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut rikonvenzjonant ma rnexxielux jipprova l-allegazzjoni tiegħu li l-attur ġarr kollox mill-ħanut. Għalhekk ma hemmx danni x'tillikwida fi-r-rigward. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ewwel tlett talbiet rikonvenzjonali ma humiex mistħoqqa.

***Self***

Fit-23 ta' Mejju 2017 il-partijiet, apparti l-kuntratt ta' sħab, iffirmaw ukoll kuntratt ieħor ta' self fejn il-partijiet ftehmu s-segwenti :

> "*The parties refer to a loan given by Maji Aidi to Muhamed Mustafa Haman of ten thousand euros (10,000) euros and agree that this amount is to be paid within one year from today without interest.*
>
> *The parties agree that should the amount not be paid within one year then the amount will become due in its entirety and will incur interest of 8% per annum or part thereof until the amount is paid in full.*"

Fil-kontro-talba, saret talba speċifika għall-ħlas tas-somma ta' €10,000 li kienu ingħataw bħala dejn. Fir-risposta tiegħu l-attur dan ikkonfermah u fl-eċċezzjonijiet fil-fatt laqa u ammetta għal ħlas tagħhom. Din il-Qorti sejra tgħaddi għalhekk sabiex tilqa din it-talba.

Fil-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 il-partijiet qablu u iffirmaw għall-klawżola li jekk il-pagament ma jsirx fi żmien sena, jibda jġarrab imgħax ta' 8% kull sena sal-pagament effettiv. Għalhekk b'effett mit-23 ta' Mejju 2018, sena wara l-ftehim, beda jiddekorri l-imgħax bi 8% sad-data tas-sentenza u cioe' meta allura ġie dikjarat li kien hemm tpaċija parzjali u konsegwentement is-somma ta' €10,000 ma kenitx aktar dovuta.

Bħala danni kuntrattwali, l-attur talab is-somma ta' €30,000 li minnhom trid titnaqqas is-somma ta' €10,000, l-ammont li huwa kien issellef mingħand il-konvenut.

Minn din is-somma għalhekk sejjer jitnaqqas s-somma ta' €10,000 li jkopru s-self li l-attur ħa mingħand il-konvenut flimkien mal-imgħax ta' 8% fis-sena sal-pagament effettiv. Ġaladarba sejra ssir tpaċija, id-data ta' pagament effettiv ossia' d-data li fiha l-attur jitqies li l-obbligu tiegħu li jirrifondi s-somma mislufa ġie sodisfatt bħala d-data ta' din s-sentenza. L-imgħax bi 8% kalkolat mit-23 ta' Mejju 2018 sal-25 ta' Marzu 2021 huwa ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€2,266.30).

Għaldaqstant is-somma ta' €30,000 dovuta mill-konvenut lill-attur hija parzjalment paċuta bis-somma ta' tnax-il elf, mitejn u sittin u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€12,266.30).

Għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' sbatax-il elf, seba' mija u tlieta u tletin ewro u sebgħin ċentezmu (€17,733.70) bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

Dwar l-ispejjeż tal-kawża, tenut kont it-telf u r-rebħ rispettiv tal-partijiet il-Qorti tqis li huwa indikat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut;

2. Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija;

3. Tilqa r-raba' talba rikonvenzjonali u tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat għandu jirrifondi lill-konvenut rikonvenzjonanti l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti self li sar fit-23 ta' Mejju 2013 flimkien mal-imgħax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Mejju 2018 sad-data ta' din is-sentenza ammontanti għas-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€2,266.30).

4. Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenut rikonvenzjonanti s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) flimkien mal-imgħax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Mejju 2018 sad-data ta' din is-sentenza ammontanti għas-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€2,266.30).

5. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-attur sofra danni meta l-konvenut ma' ħalliehx ikompli jeżerċita l-ġestjoni bi sħab kif miftiehem fil-ftehim datat 23 ta' Mejju 2017 tal-ħanut SFAX Fresh Meat & Daily Needs;

6. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000).

7. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara li l-konvenut għandu jħallas lill-attur s-somma hekk likwidata ta' €30,000 u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €30,000 bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

8. Tordna tpaċija parzjali fis-sens illi l-ammont kanonizzat favur il-konvenut rikonvenzjonanti qed jiġi dikjarat sodisfatt fl-intier tiegħu bit-tpaċija imsemmija filwaqt li wara tali tpaċija l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma

bilanċjali ta’ sbatax-il elf, seba' mija u tlieta u tletin ewro u sebgħin ċentezmu (€17,733.70) bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
25 ta' Marzu 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**